MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 24/2007

**Aloysia Rahim Debono**

**vs**

**Port Cottonera Hotel Dev. Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta’ Lulju, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“1. Riferenza

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fid-19 ta' Settembru 2006.

2. Rapprezentanza

Aloysia Rahim Debono, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet assistita minn Josef Bugeja, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-General Workers' Union, u mill-Avukata Marvic Debono.

Il-kumpanija *Port Cottonera Hotel Dev. Co. Ltd.* li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata mill-Avukat Michael Psaila.

3. Fatti tal-kaz fil-qosor

Nhar id-9 ta' Lulju 2006 sehhet attivita' fil-Casino di Venezia, Malta, li wasslet lill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob biex tirrevoka l-licenzja ghall-operat tal-Casino. Minhabba f' din id-decizjoni ta' l-imsemmija Awtorita`, nhar is-17 ta' Lulju 2006, il-kumpanija intimata temmet l-impjieg ta' l-impjegati kollha.

Matul iz-zmien li l-attivitajiet tal-Casino kienu wieqfa, il-kumpanija intimata nediet process ta' evalwazzjoni ta' l-impjegati kollha taghha u kkonkludiet li r-rikorrenti ma kinitx idonea li tiddahhal lura fl-istess kariga li kellha. Ghaldaqstant, il-kumpanija intimata, kif allegatament kien permess bil-kuntratt ta' l-impjieg, offriet lir-rikorrenti l-kariga ta' Cleaner, kariga li hi kienet tokkupa xi zmien qabel ma' kumpanija ohra. Ir-rikorrenti rrifjutat l-offerta tal-kariga mibdula, izda stqarret li kienet lesta terga' lura fil-kariga li kellha.

Il-kumpanija intimata interpretat dan ir-rifjut bhala rizenja mill-impjieg u agixxiet konformi ma' din l-interpretazzjoni b'effett mill-25 ta' Awissu 2006.

4. Lista tax-xhieda

Aloysia Rahim Debono, Fernando Orlandi, Philip Bonnici u Angele Bartolo kienu xhieda komuni.

5. Lista ta' dokumenti

5.1 Ir-rikorrenti esebiet

5.1.1 l-istqarrija tal-kaz.
5.1.2 kopja ta' kuntratt ta' l-impjieg datat 4.10.05, immarkat Dok. 1
5.1.3 ittra datata 17.07.06 Dan kien avviz ta' temma ta' impjieg, immarkata Dok. 2
5.1.4 dokument tal-Korporazzjoni ghall-lmpjiegi u Tahrig datat 7.09.06, immarkat Dok. AD3
5.1.5 dokument tal-Korporazzjoni ghall-lmpjiegi u Tahrig datat 7.09.06, immarkat Dok. PB3.

5.2 Il-kumpanija intimata *Port Cottonera Hotel Dev. Co. Ltd.* esebiet

5.2.1 l-istqarrija tal-kaz
5.2.2 ittra datata 4.10.05. Dan kien avviz ta' bidla tal-kumpanija li kienet timpjega lir-rikorrenti, immarkata Dok. A
5.2.3 kopja ta' kuntratt datat 4.10.05 li jirrizulta mill-bidla li saret f' min jimpjegaha, immarkat Dok. B.

6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 Angele Bartolo, impjegata bhala *Human Resouces Manager* mal-kumpanija intimata, stqarret li l-impjieg tar-rikorrenti kien mitmum nhar is-17.07.06 flimkien ma' ta' numru ta' impjegati ohra wara li l-Awtorita' dwar il-Loghob u l-Lotteriji rrevokat il-licenzja tal-Casino. Matul iz-zmien li l-Casino dam maghluq, il-kumpanija nediet process ta'

evalwazzjoni ta' l-impjegati kollha taghha u kkonkludiet li r-rikorrenti ma kinitx idonea li tiddahhal lura fl-istess kariga li kellha. Galadarba l-kuntratt kien jippermetti tibdil fil-kariga fid-diskrezzjoni tal-kumpanija, hi complet lir-rikorrenti u offritilha li tidhol lura fl-impjieg bhala Cleaner. Ir-rikorrenti wegbitha li hi riedet tidhol lura fil-kariga li kellha, izda ma qaltilhiex li rrizenjat mill-impjieg.

6.2 Aloysia Rahim Debono, ir-rikorrenti stqarret li hi bdiet l-impjieg taghha mal-kumpanija intimata nhar l-04.10.05 b'kuntratt indefinit fuq bazi part time fil-kariga ta' Bar Attendant and Waiter. Matul iz-zmien kollu li hadmet, kemm bhala Cleaner kif ukoll bhala Bar Attendant u Waiter, qatt ma kienet imwiddba dwar xogholha jew l-imgieba taghha. Nhar id-09.07.06 hi hadmet sas-6.00pm. u wara bdiet il-leave, izda ghalkemm ma kinitx qieghda tattendi ghax-xoghol saret taf li nhar is-17.07.06 il-Casino ghalaq minhabba xi avveniment li sehh fil-konfini tieghu matul l-ahhar jum li kienet hadmet. Nhar is-17.07.06 irceviet ittra fejn kienet mgharrfa li l-impjieg taghha kien qieghed jintemm minhabba r-revoka tal-licenzja tal-Casino. Wara xi tliet gimghat cemplitilha Angele Bartolo u offritilha l-impjieg lura, izda bhala Cleaner. Hi wiegbet li ma riditx tahdem bhala Cleaner, izda kienet lesta tahdem fil-kariga li kellha qabel it-temma ta' l-impjieg. Wara li ma semghet xejn ghal xi jiem, talbet lil Kenneth Mallia biex jitlob f’isimha ittra dwar l-offerta li ghamlitilha Angele Bartolo, izda l-ittra ma waslet qatt. Minhabba dan kollu ma attendietx izjed ghax-xoghol.

6.3 Philip Bonnici, ufficjal impjegat mal-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Tahrig, stqarr li l-Korporazzjoni rceviet il-formula statutorja tat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti minghand il-

kumpanija intimata, u li kienet tghid li rrizenjat mill-impjieg. Philip Bonnici zied jghid li l-Korporazzjoni tistrieh fuq dak li s-sid jikteb fil-formola. Wara l-Korporazzjoni tgharraf lill-partijiet li kienet waslet il-formola tat-temma ta' l-impjieg. Jekk u meta l-impjegat jattendi biex jirregistra ghax-xoghol il-Korporazzjoni tgharrfu bir-raguni moghtija mis-sid ghat-temma ta' l-impjieg. F'dan il-kaz ir-rikorrenti ma' attendietx biex tirregistra ghax-xoghol.

6.4 Fernando Orlandi stqarr li hu kellu 60% ta' l-ishma tal-kumpanija Vittoriosa Gaming Limited, u b'kawza ta' incident li sehh fil-Casino nhar id-09.07.06 l-Awtorita' dwar il-Loghob u l-Lotteriji rrevokat il-licenzja tal-Casino ghal xi zmien sakemm tkun sodisfatta li jkunu saru l-bidliet li dehrilha mehtiega biex terga' tinghata l-licenzja. Matul iz-zmien li l-Casino dam maghluq, il-kumpanija intimata nediet process ta' evalwazzjoni ta' l-impjegati kollha taghha u kkonkludiet li r-rikorrenti ma kinitx idonea li tiddahhal lura fl-istess kariga li kellha. Il-kuntratt tar-rikorrenti kien jippermetti lill-kumpanija li tibdel il-kariga tar-rikorrenti, u ghaldaqstant kien offrut lilha li tidhol fil-kariga ta' Cleaner. Hu kien mgharraf li r-rikorrenti ma riditx li tidhol lura fil-kariga ta' Cleaner, u ma attendiet qatt aktar ghax-xoghol.

7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Michael Psaila f’isem il-kumpanija intimata stqarr li

- ir-rikorrenti bdiet tahdem mal-kumpanija intimata nhar l-04.10.05 bhala Bar Attendant and Waiter fil-Casino Di Venezia, Malta, fuq kuntratt ghal zmien indefinit.

- il-kuntratt kien jinkludi artiklu li jippermetti lill-kumpanija intimata li tibdel il-kariga tar-rikorrenti.
- qabel dan l-impjieg ir-rikorrenti kienet impjegata bhala Cleaner mas-socjeta` Vittoriosa Gaming Limited.
- wara l-incident tad-09.07.06 u r-revokar tal-licenzja tal-Casino di Venezia, Malta, ir-rikorrenti kienet mgharrfa bil-miktub bit-temma ta' l-impjieg taghha u dan minhabba li l-kumpanija intimata ma setghetx topera l-Bar u r-Restaurant li kien jifforma parti mill-Casino.
- matul iz-zmien li l-Casino dam maghluq il-kumpanija nediet process ta’ evalwazzjoni ta' l-impjegati kollha taghha u kkonkludiet li r-rikorrenti ma kinitx idonea li tiddahhal lura fl-istess kariga li kellha. Ghaldaqstant hi kienet offruta impjieg alternattiv fil-kariga ta' Cleaner.
- dak li ghamlet il-kumpanija intimata kien konformi mal-provvedimenti ta' l-artiklu 36 tal-Kapitlu 452 tal-ligijiet ta' Malta, u wkoll mal-provvedimenti tal-kuntratt ta' l-impjieg.
- ir-rikorrenti rrifjutat l-offerta tal-kumpanija intimata, u ghaldaqstant ghandha titqies li rrizenjat mill-impjieg.
- ir-rikorrenti ma kkontestatx din id-decizjoni tal-kumpanija intimata meta kellha l-opportunita' li taghmel hekk.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukata Marvic Debarro f’ isem ir-rikorrenti stqarret li

- ir-rikorrenti kienet bdiet l-impjieg taghha mal-kumpanija intimata nhar l-04.10.06 fil-kariga ta' Bar Attendant and Waiter.
- matul it-tmien xhur li kienet ilha f’din il-kariga r-rikorrenti qatt ma kienet imwiddba dwar xi nuqqasijiet rigwardanti x-xoghol jew l-imgiba taghha

- nhar id-09.07.06 sehhet attivita' fil-Casino di Venezia, Malta, li wasslet lill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob biex tirrevoka l-licenzja ghall-operat tal-Casino.
- minhabba f'din id-decizjoni ta' l-imsemmija Awtorita`, u ghalkemm ir-rikorrenti ma kinitx partecipanti, nhar is-17.07.06, il-kumpanija intimata temmet l-impjieg tar-rikorrenti.
- wara li ghaddew xi tliet gimghat ir-rikorrenti kienet ikkuntattjatha bit-telefon minn Angele Bartolo li offritilha l-impjieg lura, izda fil-kariga ta' Cleaner. Ghal din l-offerta, ir-rikorrenti wiegbet li hi riedet terga' lura fl-impjieg fil-kariga li kellha qabel it-temma ta' l-impjieg.
- il-provvedimenti tal-kuntratt dwar it-tibdil fil-kariga li l-kumpanija intimata setghet taghmel ma kienux xi dritt li jista' jkun abbuzat, u l-offerta li saret lir-rikorrenti mill-kumpanija intimata ma kinitx skond il-ligi.
- ir-rikorrenti qatt ma rrizenjat mill-impjieg.
- hemm diversi kitbiet awtorevoli u decizjonijiet rilevanti li juru li l-agir tal-kumpanija intimata kien irregolari.
- fid-dawl ta' dan kollu ir-rikorrenti tkecciet ingustament u ghandha tinghata kumpens xieraq.

8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Meta l-kumpanija intimata hadet maghha lir-rikorrenti f'kariga gdida minghand il-kumpanija Vittoriosa Gaming Limited, din gharrfet lir-rikorrenti bil-miktub u wkoll ghamlitilha kuntratt gdid. Il-kuntratt ta' l-impjieg tar-rikorrenti kien jinkludi artiklu li jaghti d-dritt lill-kumpanija, fid-diskrezzjoni kompleta taghha, li tibdel il-kariga u x-xoghol tar-rikorrenti.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Fernando Orlandi u Angele Bartolo li wara li l-licenzja tal-Casino

kienet restitwita, l-operat tar-*Restaurant, Bar and Terrace* seta' jerga' jibda, u kif kienet obbligata taghmel il-kumpanija offriet l-impjieg lura lir-rikorrenti, izda mhux fl-istess kariga li kellha. Jirrizulta mix-xhieda ta' Angele Bartolo u r-rikorrenti li din ta' l-ahhar ghamlitha cara li hi riedet li tidhol lura, izda fil-kariga li kellha qabel. i.e. Bar Attendant and Waiter.

Il-kaz migjub quddiem it-Tribunal Industrijali mir-rikorrenti jirrigwarda t-temma ta' l-impjieg li sehhet wara li hi rrifjutat li tidhol lura fl-impjieg fil-kariga ta' *Cleaner* offruta lilha, minflok dik ta' *Bar Attendant and Waiter* li kienet tokkupa qabel. Il-pern tal-kwistjoni hu jekk il-kumpanija intimata setghetx tezercita d-dritt li tibdel il-kariga tar-rikorrenti f'dan l-istadju, u bl-informalita' kollha li rrizultat.

Il-kumpanija intimata setghet toffri l-impjieg lura lir-rikorrenti fil-kariga ta' Bar Attendant and Waiter, u jum jew jiem wara tibdel il-kariga ghal dik ta' Cleaner, naturalment bil-formalita' kollha mehtiega. Ir-rizultat ta' dan kollu kien ikun l-istess.

9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddeciedi li l-kumpanija intimata setghet tezercita d-dritt moghti lilha bis-sahha tal-kuntratt ta' l-impjieg, u ghaldaqstant it-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret ghal raguni gusta u bizzejjed.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).”

Ir-rikorrenti Aloysia Rahib Debono appellat minn din is-sentenza bl-aggravji li gejjin:-

1. Id-decide ma fiha ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni li turi ghaliex it-Tribunal wasal ghal dik il-konkluzjoni tieghu;

2. F’ kull kaz, it-Tribunal ma kellux jikkampa ruhu fuq il-kuntratt ta’ l-impjieg taghha, ossija ta’ dik il-klawsola kontenuta fih li kienet tippermetti bdil fix-xoghol taghha. F’ dan il-kuntest, tikkontendi li l-kumpanija ma setghetx taghmel dan b’ mod drastiku minghajr ebda raguni valida u minghajr il-formalita stabbilita mil-ligi;

3. Ma ngiebet ebda prova li ssostni d-dikjarazzjoni tas-socjeta` intimata illi hi ma kienetx idoneja ghax-xoghol ta’ “*bar attendant and waiter*”;

Premessi dawn l-aggravji, il-Qorti tara li hu opportun li tirreplika dawn l-antecedenti li wasslu ghal kontroversja quddiem it-Tribunal Industrijali:-

1. B’ kuntratt ta’ l-4 ta’ Ottubru 2005 (ara kopja a fol. 16) l-appellanti giet assunta bhala “*bar attendant and waiter attending to customers in the restaurant area, terrace area and Casino patrons*”;

2. Gara li fid-9 ta’ Lulju 2006 inqala incident li b’ konsegwenza tieghu giet revokata mill-Awtorita` kompetenti l-licenzja tal-Casino. Dan wassal biex l-impjiegi kollha mal-kumpanija gew terminati. B’ dan it-temm ta’ l-impjieg taghha giet mgharrfa ukoll l-appellanti b’ ittra tas-17 ta’ Lulju, 2006 (kopja a fol. 19);

3. Jinghad mix-xhieda ta’ Angele Bartolo, Human Resources Manager mal-kumpanija (fol. 35), u ta’ Fernando Orlandi, azzjonista u Chief Executive tal-Casino (fol. 68), illi fil-perijodu tal-kjuzura tal-casino l-kumpanija ghamlet ezercizzju ta’ evalwazzjoni ta’ l-impjegati taghha. Hekk meta l-qaghda irritornat ghan-normal lill-appellanti offrewlha l-mansjoni ta’ Cleaner kif kienet taghmel qabel ma’ kumpanija ohra (Vittoriosa Gaming Ltd) u precedentement ghall-kuntratt imsemmi ta’ l-4 ta’ Ottubru 2005;

4. L-appellanti ma accettatx din il-kariga gdida b' dan li ddikjarat ukoll li kienet lesta tirritorna ghax-xoghol fil-kariga immedjata li kellha qabel l-incident;

5. Il-kumpanija qieset li dan l-atteggjament ta' l-appellanti kien jammonta ghal rifjut u ddeterminat ukoll li l-appellanti, b' dak ir-rifjut, iddimissjonat ruhha mill-impjieg. Ara dokument ta' l-ETC a fol. 106. Invece, l-appellanti dehrilha li hi giet licenzjata mill-impjieg ghal raguni mhux tajba u sufficjenti u hadet il-kaz taghha quddiem it-Tribunal;

Fis-sentenza tieghu t-Tribunal sab li t-temm ta' impjieg tal-appellanti kienet ghal raguni gusta u bizzejjed. Huwa jirpoza din il-konkluzjoni tieghu fuq it-termini tal-kuntratt ta' impjieg. L-argoment kollu tieghu ghall-kwezit minnu stess imqanqal dwar jekk il-kumpanija setghetx tezercita d-dritt li tibdel il-kariga ta' l-appellanti f' dak l-istadju u b' dik l-informalita`, hu hekk koncepit: "Il-kumpanija intimata setghet toffri l-impjieg lura lir-rikorrenti fil-kariga ta' Bar Attendent and Waiter, u jum, jew jiem wara tibdel il-kariga ghal dik ta' Cleaner, naturalment bil-formalita` kollha mehtiega. Ir-rizultat ta' dan kollu kien ikun l-istess";

Rispettosament, il-Qorti ssib li dan l-argoment tat-Tribunal hu wiehed fallaci u ghal kollox vizzjat minn koncezzjoni zbaljata tal-ligi in materja u ta' dik il-vizjoni cara tal-principji tad-dritt inerenti ghal kuntratti ta' impjiegi;

Hi disposizzjoni esplicita ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali illi impjegat li jkollu l-impjieg tieghu mitmum minhabba *redundancy* ikun intitolat ghall-impjieg mill-gdid jekk il-post li kien jokkupa jerga' jkun ottenibbli fi zmien perijodu ta' sena mid-data ta' tmiem ta' impjieg. L-istess diposizzjoni, ex-Artikolu 36 (3) ta' l-Att, tkompli tesigi wkoll illi dan ir-ri-impjieg irid isir taht kondizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk li hu jkun intitolat ghalihom li kieku l-kuntratt tas-servizz dwaru ma

kienx intemm. F' dan il-kaz, kif jirrizulta mill-esposizzjoni tal-fatti hawn fuq riportata, l-appellanti ma gietx offerta l-istess post li kienet tokkupa qabel, jigifieri dak ta' "Bar Attendent and Waiter", izda dak ta' "Cleaner";

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-procediment logiku li kellu jsegwi t-Tribunal kellu jartikola ruhu fit-tliet fazijiet li jsegwu:-

(1) L-accertament tal-mansjoni konkreta, bhala stat ta' fatt, li kellha l-appellanti qabel it-temm ta' impjieg minhabba l-incident imsemmi;

(2) Il-kriterji generali tal-ligi dettati mill-Att fuq imsemmi bil-Kapitolu 452;

(3) Il-komparizzjoni bejn il-kariga gdida offerta lill-appellanti u l-previzjonijiet tal-ligi;

Ma jidherx li jezisti kuntrast illi l-mansjoni ta' l-appellanti precedentement ghall-incident li gab is-sospensjoni tal-licenzja u l-gheluq tal-Casino kienet dik ta' Bar Attendant and Waitress. Tali, effettivament, kien ukoll l-oggett ta' l-obbligazzjoni taghha skond il-kuntratt ta' impjieg. Jitnissel minn dan illi, kemm fuq il-bazi tal-mansjoni mill-appellanti fil-konkret zvolta, kemm fuq il-bazi tal-kuntratt, l-qaghda ta' l-impjieg taghha kienet tinkwadra ruhha f' dik il-kwalifika u kategorija. Hi ma kienetx allura qed taghmel xoghol ta' *cleaner* u, ankorke tali xoghol kienet tezegwih fi zmenijiet anterjuri ma' terzi, l-atti probatorji certament jikkonkorru biex jistabilixxu illi hi kienet fir-realta` qed tespleta dik il-mansjoni mal-kumpanija ghal liema giet assunta. Dan b' mod stabbli u minghajr interruzzjoni fil-kors ta' l-impjieg, li kellu l-bidu tieghu bil-kuntratt ta' l-4 ta' Ottubru, 2005;

Naturalment, hu mistenni li jkun objettat mill-kumpanija appellata illi l-kuntratt imsemmi jirrikonoxxi d-dritt f' min ihaddem tal-*jus variandi*, ossija l-poter fil-kumpanija li

timmodifika jew taltera l-mansjoni ta' l-appellanti. Dan bis-sahha ta' dak il-proviso ghal klawsola preliminari li tghid: "*Provided that the Employer reserves the right, subject to due notification as required at law, to vary or modify the post of the Employee and the duties and responsabilities, which are attached to such post*";

Anke hawn, pero`, klawsola bhal din ma kellhiex, u m'ghandhiex, tigi interpretata bhala xi *carte blanche* li permezz taghha min ihaddem jista' jaghmel li jrid. Proprju r-riferiment li taghmel il-ligi bl-Artikolu 36 (3) ta' l-Att, aktar 'il fuq riprodott, u l-aktar tal-kliem "ghall-impjieg mill-gdid jekk il-post li kien jokkupa qabel jerga' jkun ottenibbli", hu mahsub biex jirrendi izjed car ir-raffront bejn il-kompitu zvolt qabel mill-appellanti u l-legittimita ta' l-offerta mill-kumpanija tal-kompitu skond il-post il-gdid. Fi kliem iehor, wiehed ragonevolment jifhem illi avolja min ihaddem irrizerva kontrattwalment ghalih is-setgha li jvarja il-post ta' l-impjegat, ghandu dejjem ikun hemm dik l-ekwivalenza tax-xoghol gdid assenjat fil-konfront ta' dak ix-xoghol l-iehor li l-impjegat kien, precedentement, jaghmel, b' mod li x-xoghol il-gdid jikkonsenti, fl-espletament tieghu, li l-impjegat igawdi mhux biss l-utilizazzjoni u l-perfezzjoni ta' dik l-esperjenza akkwistata fil-fazi immedjatament anterjuri ghal dak ir-rapport gdid ta' xoghol, imma wkoll li jkompli jigi mhares lilu r-rispett u l-livell socjali - lavorattiv, akwistat fuq il-post tax-xoghol;

Jinghad a propozitu mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (**17 ta' Mejju 1998, Numru 7040**), illi "*ai fini della valutazione della sussistenza di un corretto esercizio dello 'jus variandi' da parte datoriale non è sufficiente verificare se le nuove mansioni siano compresi nel livello contrattuale nel quale è inquadrato il dipendente, essendo necessario verificare altresi l' equivalenza in concreto di tali mansioni con quelle in precedenza assegnate, alla stregua del contenuto, della natura e della modalita di svolgimento delle stesse, atteso che la suddetta equivalenza presuppone che le nuove mansioni pur se non identiche a quelle in precedenza espletate*

*corrispondano alla specifica competenza tecnica del dipendente, ne salvaguardino il livello professionale, non lo danneggiano altrimenti, nell' ambito del settore o socialmente, e siano comunque tali da consentire l' utilazazzione del patrimonio di esperienza lavorativa acquisita nella pregressa fase del rapporto."*;

Minn ezami ta' din is-silta huwa desumibbli illi l-impjegat, anke fil-presenza tal-poter tal-*jus variandi*, kontrattwalment accettat u sottoskritt, ma kellux jigi offert mansjoni *in peius* ghal dik minnu zvolta precedentement. F' dan, ma jidher li hemm xejn gdid li ma giex ukoll issenjalat mill-Qrati taghna, bir-rikorrenza li dawn jaghmlu ghal dawk li huma l-effetti tal-kuntratti, senjatament l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili u l-aktar dak ta' l-Artikolu 993 ta' l-istess Kodici ghall-esegwibilita tal-kuntratti bil-bona fede. Proprju in materja ta' kuntratt ta' impjieg l-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, hekk irragunat fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar, 1969 fil-kawza fl-ismijiet "**Richard Matrenza -vs- Joseph Attard Kingswell *nomine***":

> "L-opinjoni tidher li kienet illi kwantu ghan-natura tax-xoghol il-principal ma kellux dritt jattribwixxi mansjonijiet lill-impjegat diversi minn dawk li ghalihom hu kien gie assunt, jekk kienu jimmenomaw il-prestigji, id-dekor jew id-dinjita relattivament ghall-opera prestata, ghall-grad okupat u ghal posizzjoni ekonomika";

Dan, apparti, jidher li l-limitazzjoni ghal din l-istess *jus variandi*, insita fl-ewwel proviso ghall-inciz (3) ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att bil-kliem hawn fuq migjuba kellu jissenjala lit-Tribunal li l-istess ligi hi mahsuba biex timpedixxi li l-haddiem, anke jekk stess provdut mill-kuntratt, li jigi de-klassifikat kontra l-volonta tieghu jew bi pregudizzju dannuz ghalih. U, ankorke, l-istess haddiem kontrattwalment accetta li dan jista' jsir, l-assenjazzjoni lilu tal-kompitu l-gdid ma kellux, la oggettivament, u lanqas

soggettivament, jiddestinah ghal mansjoni inferjuri jew mhux f' armonija ma' dak li kellu qabel. Meta jsehh dan, bi ksur tal-principji ta' dritt appena ezaminati, il-haddiem, kif inhu l-kaz hawnhekk, ikollu ragun fir-rifjut tieghu li jaccetta dik il-prestazzjoni l-gdida, basta s' intendi li dik ir-rejazzjoni tieghu tkun tirrizulta proporzjonata u konformi wkoll ghad-dettam tal-bwona fede, u basta wkoll li l-haddiem, kif ukoll inhu l-kaz in ispecje, jiddikjara li hu dispost li jizvolgi l-mansjoni ghal liema gie assunt, jew, almenu, wahda ekwivalenti;

Il-Qorti ma tistax taccetta l-proposizzjoni, jew ahjar, l-iskappatoja li fuqha t-Tribunal iffonda r-ragonament tieghu dwar kif kien messha agixxiet il-kumpanija appellata. Apparti li t-Tribunal mhux qieghed hemm biex jissomministra pariri dwar x' messu jsir jew ma jsirx, anke dak l-istess suggeriment tieghu, kif koncepit, hu akkwantu azzardat, billi ma jiehux qies tal-konsiderazzjonijiet tal-principji guridici f' din is-sentenza maghmula. Taht il-profil ta' hsieb u valutazzjoni mill-Qorti esposti, il-konkluzjoni taghha f' dan il-kaz ma tistax tikkorrispondi ghal dik tat-Tribunal, integranti kawza gusta tat-temm ta' impjieg ta' l-appellanti. Dan ghaliex, jekk hemm bzonn jigi ripetut, dik il-konkluzjoni tat-Tribunal tiddifetta minn motivazzjoni adegwata u mhux ghal kollox priva minn vizzji logici tal-principji tad-dritt *in subjecta materia*. Dan biex ma jinghadx ukoll illi t-Tribunal ma kellux leggerment lanqas jaccetta s-sottomissjoni tas-socjeta` appellata illi dak il-post il-gdid offrut lill-appellanti kien hekk motivat minn ezercizzju ta' evalwazzjoni li l-kontenut veru tieghu baqa' ma giex divulgat;

Raggunta din il-konkluzjoni, il-Qorti tara li l-appellanti jisthoqqilha, f' dawn id-dati cirkostanzi, it-tutela pjena lilha akkordata mil-ligi. Dan fil-forma ta' kumpens rizarcitorju, una volta ma jirrizultax li din qed tinsisti ghar-re-integrazzjoni fl-impjieg. Hu l-kaz allura li l-atti jintbaghtu lura lit-Tribunal biex dan jipprovdi ghal likwidazzjoni gusta ta' dan il-kumpens fil-parametri ta' l-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa’ l-appell lilha devolut u b’ hekk tirrevoka s-sentenza appellata. Kif mitlub mill-istess appellanti, qed tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal Industrijali ghal konsiderazzjoni u decizjoni minnu tal-kwantum tal-kumpens dovut lill-appellanti skond l-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452. L-ispejjez tal-prezenti appell jitbatew mill-kumpanija appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------